Nru. 17,468
Prezz 48c
Price 48c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 5 ta' Settembru, 2003
Friday, 5th September, 2003

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 810

AKKWIST TA' ART

DIN id-dikjarazzjoni li ġejja, magħmula mill-President ta' Malta bis-saħħa ta' l-artikolu 3 ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) hija pubblikata skond u għall-finijiet ta' l-artikolu 9(1) ta' dik l-Ordinanza.

Il-5 ta' Settembru, 2003
(File No. L16/2001)

DIKJARAZZJONI MILL-PRESIDENT TA' MALTA

Billi bid-Dikjarazzjoni tal-President ta' Malta ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tat-12 ta' Marzu, 2002, taħt in-Notifikazzjoni Nru. 236, il-President ta' Malta kien iddikjara illi l-art hawn taħt deskritta hija meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88) u billi l-art m'għadhiex aktar hekk meħtieġa, jien hawnhekk niddikjara għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, illi l-art hawn taħt imsemmija m'għadhiex aktar meħtieġa mill-awtorità kompetenti għal skop pubbliku skond id-dispożizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza.

Deskrizzjoni ta' l-Art

L-art li ġejja fil-Mosta:

1. Biċċa art tal-kejl ta' madwar 84 metru kwadru, li tmiss mill-Majjistral, mill-Grigal u mil-Lbiċ ma' propjetà ta' A. Montebello Limited.

L-art hawn fuq imsemmija tidher immarkata fuq il-pjanta P.D. 55_2001 li wieħed jista' jara fuq talba fid-Dipartiment ta' l-Art, Auberge de Baviere, Valletta.

(Iff) GUIDO DE MARCO
President

It-22 ta' Awissu, 2003

GOVERNMENT NOTICES

No. 810

ACQUISITION OF LAND

THE following declaration made by the President of Malta under section 3 of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) is published in terms and for the purposes of section 9(1) thereof.

5th September, 2002

DECLARATION BY THE PRESIDENT OF MALTA

Whereas by the Declaration of the President of Malta published in the Government Gazette of the 12th March, 2002, under Notice No. 236, the President of Malta had declared the land described hereunder to be required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the Land Acquisition (Public Purposes) Ordinance (Chapter 88) and whereas this land is no longer so required, I hereby declare for all intents and purposes of law, that the undermentioned land is no longer required by the competent authority for a public purpose in accordance with the provisions of the aforementioned Ordinance.

Description of the Land

The following land at Mosta:

1. A plot of land of the area of about 84 square metres, bounded on the North West, North East and South East by property of A. Montebello Limited.

The abovementioned land is shown on plan marked P.D. 55_2001 which may be seen on demand at the Land Department, Auberge de Baviere, Valletta.

(Sgd) GUIDO DE MARCO
President

22nd August, 2003

Nru. 811

UNURI U DEKORAZZJONIJIET BARRANIN

NGĦARRFU b'din illi skond l-artikolu 29(1) ta' l-Att ta' l-1975 dwar Ġieħ ir-Repubblika, il-President ta' Malta, fuq il-parir tal-Prim Ministru, awtorizza l-għarfien ta' l-għotja tad-dekorazzjoni ta' *Grand Ufficiale dell'Ordine al Merito Melitense* lil Dott. Daniel Micallef.

L-24 ta' Ġunju, 2003
OPM/575/1962/VI

No. 811

FOREIGN HONOURS AND DECORATIONS

IT is hereby notified that in terms of section 29(1) of the Ġieħ ir-Repubblika Act, 1975, the President of Malta, acting on the advice of the Prime Minister, has authorised the recognition of the conferment of the decoration of Grand Ufficiale dell'Ordine al Merito Melitense on Dr Daniel Micallef.

24th June, 2003

Nru. 812

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (INFORMAZZJONI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 812

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (INFORMATION)

THE Permanent Secretary in the Office of the Prime Minister has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Publio Agius	Direttur u Reġistratur ta' l-Istampa *Director and Press Registrar*	Informazzjoni *Information*	6-11.09.2003

Il-5 ta' Settembru, 2003

5th September, 2003

Nru. 813

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR (SIGURTÀ SOĊJALI)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 813

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR (SOCIAL SECURITY)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Joe Camilleri	Direttur *Director*	Sigurtà Soċjali *Social Security*	20-27.9.2003

Il-5 ta' Settembru, 2003

5th September, 2003

Nru. 814

KUMITAT GĦALL-ISMIJIET TAT-TOROQ

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi s-Sur Giovanni Vella nħatar bħala Membru fuq il-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq.

Il-5 ta' Settembru, 2003

No. 814

STREET NAMING COMMITTEE

IT is notified for general information that Mr Giovanni Vella has been appointed as Member of the Street Naming Committee.

5th September, 2003

Nru. 815

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Maria Grima bħala delegat ta' l-atti tan-Nutar Dott. Mark Coppini sakemm dan ikun nieqes minn dawn il-Gżejjer bejn il-21 ta' Awissu, 2003 sal-24 ta' Settembru, 2003.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

L-1 ta' Settembru, 2003

No. 815

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Maria Grima as a delegate keeper of the acts of Notary Dr Mark Coppini during the latter's absence from these Islands from the 21st August, 2003 till the 24th September, 2003.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

1st September, 2003

Nru. 816

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI (KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Patricia Hall, B.A., LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-atti tan-Nutar Dott. Claire Falzon, LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mill-31 ta' Awissu, 2003 sat-30 ta' Ġunju 2005.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-3 ta' Settembru, 2003

No. 816

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT (CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Patricia Hall, B.A., LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Claire Falzon, LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 31st August, 2003 till the 30th June, 2005.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

3rd September, 2003

Nru. 817

ATT DWAR IL-PROFESSJONI NUTARILI U ARKIVJI NUTARILI
(KAP. 55)

Nomina ta' Nutar Delegat/Konservatur

NGĦARRFU b'din illi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 20 ta' l-Att dwar il-Professjoni Nutarili u Arkivji Nutarili, il-Qorti ta' Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili nnominat lin-Nutar Dott. Peter Fleri Soler, LL.D., bħala Nutar Delegat/Konservatur ta' l-atti tan-Nutar Dott. Elena Farrugia, B.A., LL.D., sakemm din tkun nieqsa minn dawn il-Gżejjer mid-29 ta' Awissu, 2003 sad-9 ta' Settembru, 2003.

Reġistru tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Atti Nutarili

It-3 ta' Settembru, 2003

No. 817

NOTARIAL PROFESSION AND NOTARIAL ARCHIVES ACT
(CAP. 55)

Appointment of Notary Delegate/Keeper

IT is hereby notified that, in exercise of the powers conferred by section 20 of the Notarial Profession and Notarial Archives Act, the Court of Revision of Notarial Acts has appointed Notary Dr Peter Fleri-Soler, LL.D., to be Notary Delegate/Keeper for Notary Dr Elena Farrugia, B.A., LL.D., during the latter's absence from these Islands from the 29th August, 2003 till the 9th September, 2003.

Registry of the Court of Revision of Notarial Acts

3rd September, 2003

Nru. 818

ORDINANZA DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA)
(KAPITOLU 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi fid-dati li jidhru hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet ta' l-artikolu 12 ta' l-imsemmija Ordinanza kif ġej:–

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
29.8.03	Lm4.70c8	7c7
1.9.03	Lm4.72c9	7c6
2.9.03	Lm4.76c2	7c7
3.9.03	Lm4.77c0	7c6
4.9.03	Lm4.75c7	7c6

Il-5 ta' Settembru, 2003

No. 818

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ORDINANCE

(CHAPTER 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that on the dates shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consuls for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of section 12 of the said Ordinance as follows:–

5th September, 2003

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 85

Bis-saħħa ta' l-artikolu 52 (1) tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati. Il-vetturi jistgħu jiġu rmunkati.

Ħaż-Żabbar

Nhar il-Ħadd, it-28 ta' Settembru, 2003, mill-5.00 p.m. 'il quddiem mit-toroq li ġejjin: Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, Xgħajra, Felice, San Lawrenz, is-Santwarju u l-Kbira.

Huwa pprojbit l-ipparkjar tal-vetturi fit-toroq imsemmija hawn taħt u vetturi misjuba pparkjati hemm, jiġu rmunkati.

Il-5 ta' Settembru, 2003

POLICE NOTICE

No. 85

In virtue of section 52 (1) of the Code of Police Laws (Cap. 65) the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Żabbar

On Sunday, 28th September, 2003 from 5.00 p.m. onwards through the following streets: Misraħ San Ġakbu, Santa Marija, Salvu Astarita, San Ġużepp, Xgħajra, Felice, San Lawrenz, is-Santwarju and il-Kbira.

The parking of vehicles along the above mentioned streets is also prohibited and vehicles found parked there will be towed.

5th September, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 50 ta' l-2003

Regatta tat-8 ta' Settembru fil-Port il-Kbir, Valletta

Ir-Regatta ta' Settembru se ssir nhar it-Tnejn, it-8 ta' Settembru, 2003. B'konnessjoni ma' dan l-avveniment ngħarrfu għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skond ir-Regolament 6 tar-Regolamenti ta' l-1966 dwar il-Portijiet, u skond l-artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Awtorità Marittima ta' Malta (Kap. 352) id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jordna li għandhom jitqiegħdu dawn l-ostakli li ġejjin fil-Port il-Kbir.

2. Nhar is-Sibt, is-6 ta' Settembru, 2003, se jitqiegħdu żewġ *sinkers* bil-*marker buoys* fil-pożizzjonijiet li ġejjin u li wara jitneħħew nhar it-Tlieta, id-9 ta' Settembru, 2003.

Latitude (T)	*Longitude* (L)
(i) 35˚53'.60	14˚30'.92
(ii) 35˚53'.46	14˚30'.76

3. Mill-10.30 a.m., se titqiegħed linja ta' twavel/*wires* fil-pożizzjonijiet li ġejjin:–

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 50 of 2003

8th September Regatta in Valletta Grand Harbour

The September Regatta will be held on Monday, 8th September, 2003. In connection with this event it is notified for general information that in terms of Regulation 6 of the Ports Regulations 1966, and in terms of section 7 of the Malta Maritime Authority Act (Cap. 352) the Executive Director (Ports) directs that the following obstructions will be laid in the Grand Harbour.

2. On Saturday, 6th September, 2003, two sinkers with marker buoys will be laid in the following positions. They will then be removed on Tuesday, 9th September, 2003.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
(i) 35˚53'.60	14˚30'.92
(ii) 35˚53'.46	14˚30'.76

3. As from 10.30 a.m., a line of planks/wires will be laid in the following positions:–

a) mill-baga (i) 'l hinn mill-Ponta ta' Sant' Anġlu għall-baga (ii) ħdejn il-Ponta ta' l-Isla biswit id-daħla ta' *French Creek;*

b) mill-baga (i) sa punt fuq ix-xatt taħt is-Sur ta' Lascaris, pożizzjoni:–

Latitude (T)	*Longitude* (L)
35˚53'.74	14˚30'.85

ċ. minn *bollard* 4 f'Ras Ħanżir II sa bollard 25 fid-*Deep Water Quay*.

Il-bagi, twavel/*wires* jitneħħew wara li tintemm ir-Regatta għal xi t-8.00 p.m.

4. Id-Direttur Eżekuttiv (Portijiet) jgħarraf lis-sidien tal-bastimenti u inġenji kollha li fit-8 ta' Settembru bejn l-10.30 a.m. u t-8.00 p.m., bastimenti l jkunu ġejjin ma jitħallewx ikomplu jbaħħru għal kull irmiġġ fil-Lbiċ ta' linja li tgħaqqad Lascaris ma' l-Arblu tal-forti Sant' Anġlu. Barra minn dawn, inġenji żgħar fil-Marsa ma jitħallewx jaqbżu l-linja tat-tluq li l-pożizzjoni tagħha hija indikata f'(ċ) hawn fuq wara l-11.00 a.m. Bastimenti ma jitħallewx jiċċaqilqu fil-Port il-Kbir, għajr bil-permess speċjali mid-Direttur Eżekuttiv (Portijiet)

5. Sidien ta' bastimenti u inġenji humwa mwissija wkoll li l-bagi/twavel/*wires* imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 jistgħu jikkawżaw ostaklu u minħabba f'hekk għandhom ibaħħru b'kawzjoni.Bl-istess attenzjoni għandha tingħata meta jkunu jbaħħru fil-viċinanzi tat-twavel/*wires* meta dawn ikunu qed jitqiegħdu/jitneħħew.

Chart effettwata: BA974

Il-5 ta' Settembru, 2003

a) from buoy (i) off St Angelo Point to buoy (ii) near Senglea Point opposite the entrance of French Creek;

b) from buoy (i) to a point ashore beneath Lascaris Bastion, position:–

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35˚53'.74	14˚30'.85

c. from bollard 4 at Ras Ħanżir II to bollard 25 at Deep Water Quay.

The buoys, planks/wires will be removed on the completion of the Regatta at approximately 8.00 p.m.

4. The Executive Director (Ports) informs masters of all vessels and craft that on the 8th September between 10.30 a.m. and about 8.00 p.m., incoming vessels will not be allowed to proceeed to any berth South West of a line joining Lascaris and Fort St Angelo Flagstaff. Besides, small craft in the Marsa will not be allowed to proceed beyond the starting line whose position is indicated in (c) above after 11.00 a.m. No movements of vessels will be allowed inside Grand Harbour, except by special permission from the Executive Director (Ports)

5. Masters of vessels and crafts are also warned that the buoys/planks/wires mentioned in paragraph 2nd 3 may cause a physical obstruction and consequently are to navigate with caution. Likewise caution is to be exercised when in the vicinity of such planks/wires when these are being laid or removed.

Chart affected: BA974

5th September, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 51 ta' l-2003

Logħob tan-Nar fuq il-Moll taħt Ġnien l-Indipendenza, San Ġiljan

B'żieda ma' l-Avviż lill-Baħħara Nru. 47 ta' l-2003 ta' l-awtorità Marittima ta' Malta, se jkun hemm aktar logħob tan-nar minn fuq il-moll ħdejn l-iskal taħt Ġnien l-Indipendenza, San Ġiljan, is-6 ta' Settembru, 2003.

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 51 of 2003

Fireworks Display from Quay beneath Independence Gardens, St Julians

Further to Notice to Mariners Number 47 of 2003 of the Malta Maritime Authority, more fireworks will take place from the quay next to the slipway beneath Independence Gardens, St Julians on Saturday, 6th September, 2003.

Minħabba l-logħob imsemmi, sidien ta' dgħajjes jew bastimenti li jkunu għaddejjin u dawk irmiġġjati fil-viċinanzi ta' dan il-logħob huma mwissija biex jieħdu l-prekawzjonijiet meħtieġa u jżommu 'l bogħod fid-data hawn fuq imsemmija.

Chart effettwata: BA 177.

Il-5 ta' Settembru, 2003

In view of the above, boat owners of passing vessels and those moored in the vicinity of this display are requested to take all necessary precautions and keep at a safe distance on the above-mentioned date.

Chart affected: BA 177.

5th September, 2003

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 52 ta' l-2003

Kampanja ta' Tindif ta' Qiegħ il-Baħar, San Ġiljan

Il-Ministeru tar-Riżorsi u Infrastruttura se jmexxi kampanja ta' tindif ta' qiegħ il-baħar fl-inħawi ta' San Ġiġjan ħdejn Ġnien l-Indipendenza, kif muri fil-mappa f'paġna 11,624.

It-tindif se jsir f'inħawi magħluqa b'linja li tgħaqqad il-ponot A,B,Ċ u x-xatt ta' bejniethom

Latitude (T)	*Longitude* (L)
A 35°54'93	14°29'.69
B 35°55'.13	14°29'.87
Ċ 35°55'.11	14°29'.91

Din l-attività se ssir nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2003 bejn il-5.00 p.m. u s-7.00 p.m. u se ssir minn għaddasa.

Minħabba dan ta' hawn fuq, sidien ta' inġenji li jkunu jbaħħru minn/għal din il'bajja għandhom ibaħħru b'kawtela kbira u joqogħdu attenti għall-għaddasa fid-data u l-ħin indikati hawn fuq.

Chart effettwata: BA 177.

Il-5 ta' Settembru, 2003

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 52 of 2003

Clean Up Campaign of the Seabed, St Julians

The Ministry of Resources and Infrasturcutre will be conducting a clean up campaign of the seabed at St Julians area mear Independence Garden, as shown on map on page 11,624.

The clean up will be conducted inside an area delineated by line joining points A,B,C and the intermediate coastline.


Latitude (N)	*Longitude* (E)
A 35°54'.93	14°29'.69
B 35°55'.13	14°29'.87
C 35°55'.11	14°29'.91

This activity will be held on Friday, 12th September, 2003, between 5.00 p.m. and 7.00 p.m. and will be carried put by divers.

In view of the above, masters of craft operating from/to this bay are to navigate with extreme caution and keep a sharp lookout for divers on the date and time mentioned above.

Chart affected: BA 177

5th September, 2003



©British Crown Copyright 1970, 1983, 1986, 1988, 1999, 2000.
All rights reserved

The UK Hydrographic Office makes the accompanying data available to Malta Maritime Authority under the terms and conditions of agreement HO 1427/625930/01.

DISCLAIMER

Whilst the UK Hydrographic Office has endeavoured to ensure that the material supplied is suitable for the purpose described, it accepts no liability to the maximum extent permitted by law for any damage or loss of any nature arising from its use. The material supplied is used entirely at the Recipient's own risk.

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Postijiet ta' Assistenti Soċjali *'Part-Time'*

Id-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità li jipprovdi servizz ta' kura u għajnuna lill-anzjani qiegħed jilqa' applikazzjonijiet mingħand persuni li jixtiequ jaħdmu bħala Assistenti Soċjali fuq bażi *part-time*.

2. Dawn l-Assistenti Soċjali *Part-Time* huma fid-dmir li jagħtu kura personali u għajnuna fid-djar residenzjali ta' l-anzjani. Dan ix-xogħol jikkonsisti f'xiri, qadi, frix ta' sodod, ħasil u mgħoddija ta' ħwejjeġ, u attenzjoni personali limitat fl-iġjene personali ta' l-anzjani u ħasil ta' l-art darba f'ġimgħa fil-partijiet tad-dar l-aktar użati mill-klijenti. L-Assistenti Soċjali *Part-Time* jistgħu wkoll jiġu mqabbda li jsajru ikla darba kuljum jekk jiġu mitluba mill-klijenti. Dawn id-dmirijiet għandhom jitwettqu skond l-iskeda u r-regoli stabbiliti minn żmien għal żmien mid-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità.

3. L-Assistenti Soċjali *Part-Time* huma mitluba li jaħdmu sa massimu ta' 30 siegħa fil-ġimgħa mifruxa fuq ġimgħa ta' sitt (6) ijiem minbarra l-Ħdud u l-Festi Pubbliċi. Dawn is-sigħat ta' xogħol huma flessibbli iżda ġeneralment jibdew mis-7.30 a.m.

4. L-Assistenti Soċjali *Part-Time* jitħallsu b'rata fissa ta' Lm1.72ċ4 għal kull siegħa maħduma, għas-sena 2003. Huma intitolati wkoll għall-benefiċċji *pro-rata* skond l-Att tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali.

5. F'każi fejn l-Assistenti Soċjali *Part-Time* jintalbu biex isajru xi ħaġa lill-klijent, l-ispejjeż ta' l-ikel għandhom jitħallsu mill-klijent innifsu.

6. L-ingaġġ ikun ta' natura għal kollox temporanja u jista' jiġi mitmum mid-Dipartiment jew inkella mill-istess Assistent Soċjali *Part-Time,* f'kull żmien u dejjem skond it-termini ta' l-Att tax-Xogħol u Relazzjonijiet Industrijali.

7. L-applikanti għandhom:-

(a) ikunu ta' karattru morali tajjeb (ċertifikat tal-Pulizija dwar il-kondotta maħruġ fi żmien sitt xhur qabel id-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet, għandu jinthemeż ma' l-applikazzjoni flimkien ma' l-isem u l-indirizz ta' żewġ persuni li d-Dipartiment jista' jirreferi għalihom).

(b) ikunu ċittadini ta' Malta (iridu jissottomettu ċertifikat tat-twelid tagħhom flimkien ma' ċertifikat tat-twelid ta' missierhom. Iż-żewġ ċertifikati jridu jkunu dawk maħruġa mir-Reġistru Pubbliku).

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Posts of Part-time Social Assistants

The Department for the Elderly and Community Services which provides a Home Help/Care Service to the elderly is receiving applications from persons who would like to work as Social Assistants to elderly persons on a part-time basis.

2. The Part-Time Social Assistants would be required to give personal care and help with housework in private residences of clients. Care and help mainly consist of shopping, short errands, bed making, washing and ironing of clothes and personal attention is limited to help with personal hygiene and weekly washing of floors in those parts of the house regularly used by the clients. Part-Time Social Assistants may also be required to cook one meal a day if requested by the clients. These duties have to be carried out according to a specific timetable and according to any rules and regulations established from time to time by the Department for the Elderly and Community Services.

3. Part-Time Social Assistants may be required to work a maximum of 30 hours weekly spread over a six-day week excluding Sundays and Public Holidays. These hours of works will be flexible but will generally start from 7.30 a.m.

4. Part-Time Social Assistants will be paid a fixed hourly rate which for 2003 is Lm1.72c4. They will also be entitled to other pro-rata benefits in terms of the Employment and Industrial Relations Act.

5. In cases where a Part-Time Social Assistant is required to cook a meal for the client, all expenses incurred must be paid by the client.

6. This engagement will be of an entirely temporary nature and may be terminated by either the Department or by the Part-Time Social Assistant at any time subject to notice in terms of the provisions of the Employment and Industrial Relations Act.

7. Applicants must:-

(a) be of good moral character (a police certificate of conduct issued within six (6) months prior to the closing date of the application must be produced) together with the names and addresses of two referees;

(b) be citizens of Malta (must produce from the Public Registry their birth certificate and that of their father);

Preferenza tingħata lil dawk il-kandidati li jkollhom esperjenza tax-xogħol ta' għajnuna u kura ma' l-anzjani.

8. L-Assistenti Soċjali *Part-Time* għandhom:-

(a) jattendu programm jew programmi ta' taħriġ ipprovduti mid-Dipartiment, u

(b) joqogħdu għall-eżami maħruġ mill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ sabiex tkun stabbilita l-kompetenza skond Paragrafu 40 ta' l-Att Nru. XXVIII (1990) li jirregola x-Xogħol u Taħriġ.

9. L-applikanti jiġu intervistati minn Bord ta' Għażla biex jiġi stabbilit kemm huma adattati għall-post ta' Assistenti Soċ jali *Part-Time*.

10. Il-kwalifiki u l-esperjenza jeħtieġ li jkunu kkonfermati minn ċertifikati u/jew dikjarazzjonijiet. (Fotokopji għandhom ikunu ma' l-applikazzjoni). L-oriġinali ta' kull dokument għandu jiġi ppreżentat għall-verifika fil-ħin ta' l-intervista.

11. Il-kandidati li jintgħażlu ma jkunux eliġibbli biex japplikaw għas-sejħiet għall-applikazzjonijiet li jkunu miftuħin għall-impjegati mal-Gvern.

12. Il-kandidati magħżula jistgħu jintalbu li jsirilhom eżami mediku biex jiġi aċċertat li huma adattati għall-post.

13. Applikazzjonijiet fuq il-formola preskritta u li jistgħu jinġabru mill-*Personnel Section* tad-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità, Ċentru Ħidma Soċjali, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta. Venera jintlaqgħu mid-Direttur tad-Dipartiment sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Settembru, 2003.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sad-data ta' l-għeluq jiġu kkunsidrati sakemm dawn ikollhom id-dettalji kollha mitluba. L-applikazzjoni formali bil-firma ta' l-applikant trid tasal għand id-Dipartment sa mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet flimkien ma' spjegazzjoni dwar id-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 00356 - 21 494 690).

15. L-applikazzjonijiet imwassla bl-idejn jingħataw irċevuta mid-Dipartiment. Applikazzjonijiet bil-posta għandhom jintbagħtu rreġistrati fi żmien tajjeb biex jaslu qabel id-data u l-ħin ta' l-għeluq. Id-Dipartiment għall-Anzjani u Servizzi fil-Komunità jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet li jintbgħatu bil-posta.

16. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Il-5 ta' Settembru, 2003

Preference will be given to candidates with experience in the care and help of the elderly.

8. Part-Time Social Assistants may be required to:-

(a) attend a programme or programmes of training provided by the Department; and

(b) sit for an examination which leads to a Certificate of Competence issued by the Employment and Training Corporation so as to establish their proficiency according to Paragraph 40 of Act No. XXVIII of 1990 which regulates the services of Employment and Training.

9. Applicants will be required to attend for an interview by a selection board to assess their suitability for the post.

10. Qualifications and experience claimed must be supported by Certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications; originals to be produced for verification during interviews).

11. Successful candidates will not be eligible to apply for internal calls for applications open to serving Government employees.

12. Successful candidates selected to fill the vacant posts may be requested to be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

13. Applications on the prescribed forms which are available from the Personnel Section, Department for the Elderly and Community Services, Ċentru Ħidma Soċjali, Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta. Venera, will be received by the Director of the above mentioned Department by not later than noon of Friday, 26th September, 2003.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 0356 – 21 494 690).

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Department and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the closing date. Applications received by post will be acknowledged in writing by the Department within seven days.

16. Late applications will not be considered.

5th September, 2003

KUNSILL MALTI GĦALL-I*SPORT*

Post ta' *Area Co-ordinators* SkolaSports

Il-Kunsill Malti għall-I*sport* jeħtieġ is-servizz *part-time* ta' numru ta' persuni biex iservu ta' *Area Co-ordinators* fil-programm SkolaSport.

2. Il-ko-ordinaturi huma mistennija li jkunu responsabbli għal setturi fi ħdan SkolaSport matul il-perijodu Ottubru - Mejju.

3. Il-ko-ordinaturi jkollhom taħt ir-responsabbilta tagħhom numru ta' *coaches/sports instructors* ingaġġati fil-programm SkolaSport. Dettalji tad-dmirijiet oħra jinsabu fil-lista tad-dmirijiet ta' *Area Co-ordinators*.

4. Għall-sezzjoni ta' erba' sigħat il-ħlas huwa ta' Lm14 u minnhom trid titħallas it-taxxa.

5. Applikazzjonijiet u aktar dettalji jinkisbu mingħand Il-Ko-ordinatur SkolaSport, Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Kottonera, Numru tat-Telefon: 21 660 658/9.

6. Applikazzjonijiet mimlija kif suppost għandhom jaslu għand il-Kap Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Kottonera, sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2003.

Il-5 ta' Settembru, 2003

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Post of Area Co-ordinators SkolaSports

The Kunsill Malti għall-Isport requires to engange on a part-time basis a number of Area Co-ordinators for the SkolaSport programme.

2. The area co-ordinator is expected to be responsible for an area sector within the SkolaSport programme throughout the period October - May.

3. The area co-ordinator will be responsible for a number of SkolaSport instructors/coaches and other duties as defined in further details for duties of Area Co-ordinators.

4. The area co-ordinator will be paid the sum of Lm14 per session from which tax has to be paid.

5. Further details and applications can be obtained from the SkolaSport Co-ordinator, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottonera, Telephone Number: 21 660 658/9.

6. Duly filled applications are to be sent to the Chief Executive Officer, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottonera, by not later than Friday, 19th September, 2003.

5th September, 2003

KUNSILL MALTI GĦALL-I*SPORT*

Post ta' *Sports Instructors/Coaches* SkolaSports

Il-Kunsill Malti għall-I*sport* jeħtieġ is-servizz *part-time* ta' numru ta' persuni biex iservu ta' *Sports Instructors/Coaches* fil-programm SkolaSport.

2. L-i*Sport instructor/coach* huwa mistenni li jagħti s-servizz tiegħu fi ħdan SkolaSport matul il-perijodu Ottubru - Mejju.

3. L-i*Sport instructors/coaches* għandhom dmirijiet ta' *coaching* u ħidma oħra kif stabilita fil-lista tad-dmirijiet.

4. Għal-sezzjoni ta' tliet sigħat il-ħlas huwa ta' Lm10 u minnhom trid titħallas it-taxxa.

5. Applikazzjonijiet u aktar dettalji jinkisbu mingħand Il-Ko-ordinatur SkolaSport, Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Kottonera, Numru tat-Telefon: 21 660 658/9.

KUNSILL MALTI GĦALL-ISPORT

Post of Sports Instructors/Coaches SkolaSports

The Kunsill Malti għall-Isport requires to engange on a part-time basis a number of Sports Instructors/Coaches for the SkolaSport programme.

2. The sport instructor/coach is expected to be responsible for an area sector within the SkolaSport programme throughout the period October - May.

3. The sport instructor/coach will be responsible as a sport coaching programme as well as other duties as established in the detail list.

4. The sport instructor/coach will be paid the sum of Lm10 per session from which tax has to be paid.

5. Further details and applications can be obtained from the SkolaSport Co-ordinator, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottonera, Telephone Number: 21 660 658/9.

6. Applikazzjonijiet mimlija kif suppost għandhom jaslu għand il-Kap Eżekuttiv, Kunsill Malti għall-Isport, Kumpless Sportiv Kottonera, Kottonera, sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa, id-19 ta' Settembru, 2003.

Il-5 ta' Settembru, 2003

6. Duly filled applications are to be sent to the Chief Executive Officer, Kunsill Malti għall-Isport, Cottonera Sports Complex, Cottonera, by not later than Friday, 19th September, 2003.

5th September, 2003

AWTORITÀ MALTIJA DWAR L-I*STANDARDS*

L-Awtorità Maltija dwar l-i*Standards* hija responsabbli mill-koordinament, osservazzjoni u promozzjoni ta' *standardisation* u attivitajiet relatati f'Malta. L-Awtorità qed tespandi l-attivitajiet tagħha u teħtieġ persuni motivati għall-postijiet imsemmija hawn taħt.

Il-kandidati għandhom ikunu ċittadini Maltin ta' karattru morali tajjeb. L-impjieg huwa fuq bażi *full-time* soġġett għal perijodu ta' sena bi prova.

Finance Officer

Kandidati għandu jkollhom *degree* fl-*Accounts*.

ETC permit nru. 155/2003

Inġinier

Kandidati għandhom ikunu gradwati preferibbilment fl-Inġinerija jew *Management* biex jkunu responsabbli minn attivitajiet ta' ċertifikazzjoni – *ISO 9001 certification*. Kandidati li jkunu midħla ta' *ISO 9001 standard* jiġu preferuti

ETC permit nru. 159/2003

Applikazzjonijiet bil-kaligrafija ta' l-applikant flimkien ma' *Curriculum Vitae* dettaljat, bil-kopji taċ-Ċertifikati u/jew dokumenti jintlaqgħu sa nhar il-Ġimgħa, it-12 ta' Settembru, 2003 fl-indirizz li ġej:–

Chief Executive
Awtorità Maltija dwar l-i*Standards*
It-Tieni Sular, Evans Building
Triq il-Merkanti
Valletta VLT 03

Il-5 ta' Settembru, 2003

MALTA STANDARDS AUTHORITY

The Malta Standards Authority is responsible for the co-ordination, monitoring and promotion of standardisation and related activities in Malta. The Authority is expanding its activities and is seeking to recruit motivated personnel for the under-mentioned posts.

Candidates have to be Maltese citizens of a good moral character. Employment is on a full-time basis subject to one year probation period.

Finance Officer

Candidates are to be in possession of a degree in Accounts.

ETC permit no. 155/2003

Engineer

Candidates are to be graduates preferably in Engineering or Management to be responsible for Certification activities – ISO 9001 certification. Candidates who are familiar with ISO 9001 standard will be preferred.

ETC permit no. 159/2003

Applications in own handwriting together with detailed Curriculum Vitae, supported by copies of Certificates and/or testimonials, are to be received by Friday, 12th September 2003 at the following address:–

Chief Executive
Malta Standards Authority
Second Floor, Evans Building
Merchants Street
Valletta VLT 03

5th September, 2003

KULLEĠĠ MALTI TA' L-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanzi ta' *Lecturing Staff Part-Time*

Il-Kulleġġ Malti ta' l-Arti, Xjenza u Teknoloġija jista' jkollu bżonn ta' *lecturing staff* biex jgħallem f'korsijiet ta' matul il-jum/fil-għaxija f'uħud mid-disa' istituti tiegħu. Il-Kulleġġ jilqa' applikazzjonijiet mingħand kandidati bil-kwalifiki relevanti fis-suġġetti relatati ma':–

Agribusiness
Arti u disinn
Kapaċitajiet Bażiċi
Negozju u Kummerċ
Inġinerija tal-Bini u Kostruzzjoni
Servizzi fil-Komunità
Inġinerija Elettrika u Elettronika
Teknoloġija ta' l-Informatika u Komunikazzjoni
Studji Marittimi
Inġinerija Mekkanika

Lista ta' suġġetti/oqsma ta' studju tkun mehmuża mal-formola ta' l-applikazzjoni ta' l-MCAST. L-applikanti għandhom jibagħtu din il-formola ta' l-applikazzjoni lid-Direttur Amministrattiv. Il-formola u aktar tagħrif jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tad-Direttur Amministrattiv, Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid. L-applikazzjonijiet huma miftuħa s-sena kollha.

Il-5 ta' Settembru, 2003

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies of Part-Time Lecturing Staff

The Malta College of Arts, Science and Technology may require lecturing staff to teach on its day and/or evening courses in any of its nine institutes. The College invites applications from candidates with relevant qualifications in subjects related to:

Agribusiness
Art and Design
Basic Skills
Business and Commerce
Building and Construction Engineering
Community Services
Electrical and Electronics Engineering
Information and Communication Technology
Maritime Studies
Mechanical Engineering

List of areas/fields of study is attached to the MCAST application form which must be submitted to the Administrative Director. The form and further information is available online and from the Office of the Administrative Director, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola. Applications are open all year round.

5th September, 2003

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Scholarships in Spain

The Spanish Government is offering long and short-term scholarships for academic year 2004/2005.

The scholarships are being offered under a new system whereby applicants can only apply through Internet. Applicants must have an email address in order to be eligible to apply. Information can be obtained from Webpage www.becasmae.es.

Applications may be submitted via Internet between 1st October and 21st December 2003. The Webpage is www.becasmae.es.

5th September, 2003

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Riżultat għall-Post ta' *Co-Ordinator (Corporate Information Systems)* fl-*Information Management Unit* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali, ir-Raba' Sular, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-5 ta' Settembru, 2003

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Results for the Post of Co-Ordinator (Corporate Information Systems) in the Information Management Unit in the Ministry for Social Policy

The Permanent Secretary in the Minstry for Social Policy notifies that the result of the above mentioned post has been published and may be viewed on the notice-board of the Department of Corporate Services, Ministry for Social Policy, 4th Floor, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, Valletta.

5th September, 2003

MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI

Riżultat għall-Post ta' Co-Ordinator *(IT Training and Development) fl-Information Management Unit* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali jgħarraf li r-riżultat għall-post imsemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-board* tad-Dipartiment għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali, ir-Raba' Sular, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, u fl-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-5 ta' Settembru, 2003

MINISTRY FOR SOCIAL POLICY

Results for the Post of Co-Ordinator (IT Training and Development) in the Information Management Unit in the Ministry for Social Policy

The Permanent Secretary in the Minstry for Social Policy notifies that the result of the above mentioned post has been published and may be viewed on the notice-board of the Department of Corporate Services, Ministry for Social Policy, 4th Floor, 38, Triq l-Ordinanza, Valletta, and at the Office of the Public Service Commission, Valletta.

5th September, 2003

DIPARTIMENT TAS-SAĦĦA

Riżultati ta' l-Intervisti għall-Postijiet fid-Diviżjoni tas-Saħħa

Id-Direttur Ġenerali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultati għall-intervisti għall-postijiet imsemmija hawn taħt fin-*notice-board* prinċipali fid-Diviżjoni tas-Saħħa, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

Il-postijiet huma dawn li ġejjin:

Uffiċjal Xjentifiku *(Radiodiagnostic Physicist)*

Assistent Uffiċjal Tekniku *(Emergency Shift)* fl-Isptar San Luqa

Il-5 ta' Settembru, 2003

DEPARTMENT OF HEALTH

Results of Interviews for Posts in the Health Division

The Director General notifies that the results of the interviews for the undermentioned posts may be viewed on the main notice-board in the Health Division, 15, Triq il-Merkanti, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

The posts are the following:

Scientific Officer (Radiodiagnostic Physicist)

Assistant Technical Officer (Emergency Shift) at St. Luke's Hospital

5th September, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Riżultati ta' l-Eżami ta' l-2003 għar-Reklutaġġ ta' Uffiċjali Kadetti fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari)

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf li r-riżultat ta' l-eżami msemmi hawn fuq ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana.

Wieħed jista' jara silta li turi kandidati minn Għawdex biss fiċ-Ċentru ta' l-Eżamijiet, ir-Rabat, Għawdex.

Il-5 ta' Settembru, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Results of the Examination for the Recruitment of Officer Cadets in the Armed Forces of Malta (Regular Force) 2003

The Acting Director of Examinations notifies that the result of the above mentioned examination has been published and may be viewed at the Examinations Department, Floriana, during office hours.

An extract showing candidates from Gozo only may be viewed at the Examinations Centre, Victoria, Gozo.

5th September, 2003

DIPARTIMENT TA' L-EŻAMIJIET

Eżami għall-Ingaġġ ta' Suldati fil-Forzi Armati ta' Malta (Forza Regolari) - 2003

It-Tielet Parti: Intervista

L-Aġent Direttur ta' l-Eżamijiet jgħarraf illi l-avviż ta' l-eżami msemmi hawn fuq intbagħat lill-kandidati konċernati.

Dawk il-kandidati li ma rċevewx l-avviż ta' l-eżami huma mitluba biex jikkuntattjaw minnufih lid-Dipartiment ta' l-Eżamijiet, il-Furjana.

Il-5 ta' Settembru, 2003

EXAMINATIONS DEPARTMENT

Examination for the Engagement of Soldiers in the Armed Forces of Malta (Regular Force) - 2003

Third Part: Interview

The Acting Director of Examinations notifies that the notice of the above mentioned examination has been sent to the candidates concerned.

Those candidates who have not received the notice are invited to contact the Department of Examinations, Floriana, immediately.

5th September, 2003

KUNSILL LOKALI BIRŻEBBUĠA

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa jgħarraf lill-pubbliku li mis-16 ta' Settembru 2003, it-toroq imsemmija hawn taħt se jsiru *ONE-WAY* skond l-approvazzjoni ta' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta *(Traffic Management)* Riferenza: 0115/TMD/03.

Triq it-13 ta' Diċembru minn Triq iż-Żurrieq sa Misraħ ir-Repubblika
Triq Sant'Anġlu minn Triq is-Sajjied sa Triq Santa Rita
Triq Santa Rita minn Triq Sant'Anġlu sa Triq il-Brolli
Triq Santa Rita minn Triq San Ġużepp sa Triq il-Brolli
Triq San Ġużepp minn Triq Birżebbuġa sa Triq Santa Rita
